**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 192**

It-Tlieta, 9 ta' Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Stephen Spiteri u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Ivan J. Bartolo u l-Onor. Randolph De Battista kienu assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 191 li saret fit-8 ta' Jannar 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2835 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Glenn Bedingfield u tal-Onor. Beppe Fenech Adami fil-LXX Laqgħa tal-COSAC li nżammet ġewwa Madrid bejn is-26 u t-28 ta' Novembru 2023; u

P.L. 2836 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Salvatore Zerafa et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 440/2022 LM), deċiża fit-18 ta' Ottubru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datat 20 ta' Diċembru 2023.

**MISTOQSIJIET**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li fil-laqgħa li nżammet fit-8 ta' Jannar 2024 tal-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kien intlaħaq ftehim illi t-terminu ta' avviż ta' mill-inqas tlitt ijiem għall-mistoqsijiet parlamentari (Ordni Permanenti 22) li saru lill-Ministri li kellhom tibdil fid-dekasteru tagħhom, għandu jiġi estiż b'mod li dawk il-mistoqsijiet li kellhom jitwieġbu fis-seduti ta' din il-ġimgħa, jingħataw tweġiba fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 12055 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2837 Estimi Finanzjarji tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta għas-sena 2024; u

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2838 Rapport ta' Ħidma tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda għas-sena 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14468.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2839 Avviż Legali Nru 1 tal-2024 - Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis (Dħul minn Impjieg).

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI – ABBOZZ 79**

Il-Kamra rriżumiet mit-8 ta' Jannar 2024 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Darren Carabott u l-Onor. Owen Bonnici.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445, għall-finijiet ta' regolamentazzjoni aħjar tal-importazzjoni u l-moviment ta' proprjetà kulturali f'Malta" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 10) – ABBOZZ NRU 83**

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza pproponiet it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Rebecca Buttigieg, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Davina Sammut Hili.

Fis-6.53 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata, u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Rebecca Buttigieg, ipproponiet l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Robert Cutajar, mill-Onor. Stanley Zammit u mill-Onor. Albert Buttigieg.

Fis-7.23 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 10 ta' Jannar 2024, bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza.

**ELEANOR SCERRI**
**AĠENT SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**